# Beati u Qaddisin...Lulju

San Benedittu minn Norica (Prottetur Ewropa)

11 ta' Lulju



Alonso Cano (1601-1667), Visione di S. Benedetto del globo e dei tre angeli

Twieled ghall-habta tas-sena 480AD.

Wara li attenda l-iskola primarja gewwa Norcia, il-familja tieghu baghtitu gwwa Ruma biex jistudja l-ligi u l-letteratura. Imma billi l-hajja rumana iddisgustatu huwa rtira gewwa Affile ma' grupp ta' sacerdoti.

Hawn huwa opra l-ewwel miraklu tieghu, meta sewwa' gharbiel tal-fuhhar li kien jintuza ghall-

qamh u li l-qaddej tieghu kien kisser accidentalment. Minhabba li dan il-miraklu gibed hafna l-attenzjoni tan-nies huwa ddecida li jirtira gewwa ghar fir-rovini tal-villagg ta' Nero qrib Subiaco, fejn beda' jghix ta' eremita. L-uniku kuntatt li kellu kien ma' patri jismu Romanus li l-monasteru tieghu kien fil-vicin.  Huwa ta lil San Benedittu tunika ta' patri u kien jipprovdilu l-htigijiet spiritwali u materjali. Hekk dam jghix ghal tlett snin fis-solitudni.  Xi rghajja ghamlu hbieb mieghu u bdew jisimghu u jsegwu t-taghlim tieghu.

Wara li rresista tentazzjoni qawwija kontra l-kastita' Benedittu beda' jhejji ruhu biex jghix il-hajja monastika fuq l-ezempji ta' l-eremiti tal-passat. Ghal ewwel il-kommunita' ta' Vicovaro riditu bhala s-Superjur taghha, imma kien hemm min dan il-pass ma ghogbux.  Wiehed patri mill-istess kommunita' ipprova joqtlu permezz tal-velenu, izda ma rrnexilux.  Meta ra hekk Benedittu mar jghix fis-solitudni.

Huwa waqqaf tnax-il monasteru u assenja tnax-il patri f'kull wiehed. Barra minn hekk huwa waqqaf it-tlettax-il wiehed ghan-novizzi u dawk li jixtiequ u huma fil-bzonn ta' l-edukazzjoni.  Il-fama tieghu ta' qdusija tant griet barra 'l eremitagg, li sahansitra waslet Ruma. Zewg missirijiet nobbli fdawlu l-edukazzjoni taz-zewg uliedhom, Maurus u Placidus; dawn aktar 'l quddiem kellhom ikun zewg gawhriet ghall-familja Benedittina.

Matul hajtu San Benedittu ghamel bosta mirakli, fosthom li biex jaqta' l-ghatx tal-patrijiet tieghu fuq l-quccata tal-muntanja huwa pprovdilhom ghajn ta' l-ilma. Huwa ordna lil Maurus biex jimxi fuq l-ilma biex isalva liz-zaghzugh Placidus milli jeghreq.

Benedittu halla Subiaco biex imur gewwa Cassino u hemm bejn is-snin 52 u 529 AD waqqaf l-Abbazija ta' Montecassino li aktar 'l quddiem kellha tkun l-aktar Abbazija maghrufa fil-kontinent ta' l-Ewropa.

Hemmhekk huwa hadem bla heda u wettaq diversi mirakli fosthom ta l-hajja lil wiehed zaghzugh u pprovda lill-patrijiet bi tqieq u zejt meta kien hemm il-guh. Wera' ukoll li kellu d-don tal-profezija.

Fil-harifa tas-sena 542 AD filwaqt li r-re Totila kien ghaddej minn Cassino biex imur jattakka lil Napli, iddecida li jara jekk il-qaddis kellux verament dawk id-doni u l-karizmi li kien sema' fuqhom. Huwa baghat ufficjal iehor liebes ta' sultan ghand Benedittu. Imma Benedittu kixef il- qerq u meta finalment iltaqa' ma' Totila widdbu :" Inti gaghilt lil hafna jbatu u tidher li ser tkompli taghmel hekk. Ieqaf minn din il-mohqrija.  Inti tidhol gewwa Ruma taqsam bost ibhra, inti tirrenja ghal disa' snin ohra biss fl-ghaxar sena inti tmut." U dak li gara.

San Benedittu inghata biex jevangelizza lill-popolazzjoni tal-lokal li kienu jhaddnu religjon pagana. Ftit qabel ma miet huwa ra lir-ruh ta' ohtu tiela fis-sema f'forma ta' hamiema. Huwa ukoll ra lir-ruh ta' l-isqof Germanus ta' Capua tkun mehuda mill-angli fi globu ta' nar. Ghall-Papa San Girgor il-Kbir,  Benedittu kien bniedem qrib ta' Alla.

Huwa ra bil-quddiem il-mewt li permezz taghha kellu jghaddi minn din id-dinja ghal ohra. Skond it-tradizzjoni huwa miet f'Marzu 21 tas-sena 547. Huwa gie midfun fil-qabar fejn kienet midfuna ohtu Santa Skolastika wara li talab lil hutu l-patrijiet jeskortawh fl-Oratorju fejn wara li ircieva l-Ewkaristija, miet.